



Dokument ta' sessjoni

A8-0352/2016

25.11.2016

RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex jipprovdu assistenza lill-Ġermanja
(COM(2016)0681 – C8-0423/2016 – 2016/2267(BUD))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur għal opinjoni: Monika Hohlmeier

WERREJ

	Pàġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	3
ANNEX: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL.....	4
NOTA SPJEGATTIVA.....	6
ANNEX – ITTRA MILL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI	8
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	9

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex jipprovdu assistenza lill-Ġermanja
(COM(2016)0681 – C8-0423/2016 – 2016/2267(BUD))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2016)0681 – C8-0423/2016),
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jstabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea¹,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020², u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba³, u b'mod partikolari l-punt 11 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A8-0352/2016),
1. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ ĠU L 311, 14.11.2012, p. 3.

² ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

³ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

ANNES: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex jipprovdu assistenza lill-Ġermanja

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba², u b'mod partikolari l-punt 11 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ("il-Fond") għandu l-għan li jippermetti lill-Unjoni tirrispondi b'mod rapidu, effiċjenti u flessibbli għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza u li turi solidarjetà mal-popolazzjonijiet ta' reġjuni milquta minn diżastri naturali.
- (2) Jenħtieġ li l-Fond ma jaqbiżx l-ammont annwali massimu ta' EUR 500 miljun (prezzijiet tal-2011), kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013³.
- (3) Fid-19 ta' Awwissu 2016, il-Ġermanja ppreżentat applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond, wara sensiela ta' każijiet qawwija iżda qosra ta' għargħar li affettwat ir-reġjun ta' Niederbayern f'Mejju u Ġunju 2016.
- (4) L-applikazzjoni tal-Ġermanja tissodisfa l-kundizzjonijiet sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond, kif stabbilit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002.
- (5) Jenħtieġ għalhekk li l-Fond jiġi mobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja lill-Ġermanja.
- (6) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun il-ħin li jieħu l-Fond biex jiġi mobilizzat, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2016, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għandu jkun mobilizzat sabiex jipprovdi l-ammont ta' EUR 31 475 125 lill-Ġermanja, f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

¹ ĠU L 311, 14.11.2012, p. 3.

² ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p 884).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Hija għandha tapplika minn ... [*id-data tal-adozzjoni tagħha*].

Magħmul fi ...,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*

NOTA SPJEGATTIVA

Il-Kummissjoni qed tipproponi l-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) biex tingħata assistenza finanzjarja relatata ma' diżastru fil-Ġermanja (għargħar li laqat il-Bavarja t'Isfel, speċjalment id-distrett ta' Rottal-Inn) li seħħ f'Mejju u f'Ġunju 2016.

Is-sensjela ta' każijiet estremament qawwija iżda qosra ta' għargħar/għargħar għal għarrieda kkawżat il-qerda ta' infrastruttura pubblika u privata, djar privati u fl-agrikoltura. Tilfu ħajjithom seba' persuni u ntluqtu aktar minn 47 000 persuna fil-Bavarja t'Isfel, fejn kien hemm aktar minn 2 000 ruħ li ma setgħux jerġgħu lura lejn djarhom xahrejn wara l-għargħar. Il-belt ta' Simbach am Inn kważi nqerdet kompletament u tħalliet mingħajr provvista ta' ilma muniċipali għal tliet ġimgħat. Ġie rrapportat ukoll li saret ħsara sinifikanti lin-negozji u l-agrikoltura, kif ukoll ħsara kbira lill-infrastruttura bażika, il-provvista tal-ilma, is-servizzi tad-dranaġġ u n-netwerk tal-elettriku.

Fl-applikazzjoni tagħhom li l-Kummissjoni rċeviet fid-19 ta' Awwissu 2016, l-istima min-naħa tal-awtoritajiet Ġermaniżi tal-ħsara diretta totali li kkawża d-diżastru kienet ta' EUR 1 259 005 miljun. Peress li dan jirrappreżenta 3,03 % tal-PDG reġjonali tar-reġjun NUTS 2 ikkonċernat, Niederbayern, (abbażi taċ-ċifri għall-2014), u jaqbeż il-limitu minimu ta' 1,5 % tal-PDG reġjonali, id-diżastru jikkwalifika bħala "**diżastru reġjonali**" skont it-tifsira tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament dwar il-FSUE.

Ġie stmat mill-awtoritajiet Ġermaniżi li l-operazzjonijiet essenzjali ta' emerġenza eliġibbli, kif definiti fl-Artikolu 3 tar-Regolament, se jiġu jiswew EUR 94 196 miljun, li minnhom aktar minn EUR 52 227 miljun jikkonċernaw operazzjonijiet ta' rkupru fis-settur tat-trasport u aktar minn EUR 21 miljun jikkonċernaw miżuri ta' tindif.

Ir-reġjun milqut jaqa' taħt il-kategorija ta' "reġjuni aktar żviluppatti" skont il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (2014-2020). L-awtoritajiet Ġermaniżi ma indikawx lill-Kummissjoni li bi ħsiebhom jallokaw mill-ġdid il-finanzjament mill-programm ta' Fondi SIE għall-miżuri ta' rkupru.

Il-Ġermanja ma talbiex li jsirilha pagament bil-quddiem.

Bi qbil mal-prassi tal-imgħoddi, il-Kummissjoni qed tipproponi li tapplika r-rata ta' 2,5 % tal-ħsara diretta totali għall-ħsarat kollha sal-limitu minimu ta' "diżastru maġġuri". **L-ammont totali ta' għajjnuna propost huwa għalhekk ta' EUR 31 475 125.**

Il-mobilizzazzjoni proposta **tirrikjedi emenda għall-baġit 2016** u abbozz ta' baġit emendatorju (Nru 6/2016) immirat biex iżid l-artikolu baġitarju 13 06 01 "*Għajjnuna għall-Istati Membri fil-każ ta' diżastru naturali kbir b'riperkussjonijiet serji fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien, l-ambjent naturali jew l-ekonomija*" b'EUR 31 475 125 kemm f'approprjazzjonijiet ta' impenn u kemm f'approprjazzjonijiet ta' pagament.

Din hija t-tieni deċiżjoni dwar mobilizzazzjoni tal-2016 u l-ammont totali ta' għajnuna propost hawn fuq huwa konformi mad-dispożizzjonijiet ta' limitu massimu għall-Fond ta' Solidarjetà tal-UE kif stabbilit fir-Regolament dwar il-QFP ta' EUR 552 040 402 miljun (jiġifieri EUR 500 miljun bil-prezzijiet tal-2011). Peress li l-allokkazzjoni ta' EUR 541 216 080 għall-2015 baqgħet ma ntefqux u ġiet riportata għal sena lejn l-2016, l-ammont mill-FSUE li għadu ma ntefaqx, b'segwitu għall-ewwel proposta għal mobilizzazzjoni tal-2016 (terrimot fil-Gżejjer Jonji fil-Greċja) huwa attwalment ta' EUR 1 091 604 648.

Ir-Rapporteur qed jirrakkomanda l-approvazzjoni rapida tal-proposta tal-Kummissjoni għal deċiżjoni annessa ma' dan ir-rapport, b'sinjal ta' solidarjetà mar-reġjun milqut.

ANNEX – ITTRA MILL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI

Is-Sur Jean ARTHUIS
President
Kumitat għall-Baġits
Parlament Ewropew

Għażiż Sur Arthuis,

Suġġett: **Mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea favur il-Ġermanja**

Il-Kummissjoni Ewropea għaddiet lill-Parlament Ewropew il-proposta tagħha għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE (COM(2016)0681) biex jipprovdu assistenza lill-Ġermanja.

Abbażi ta' applikazzjoni mill-Ġermanja, il-kalkolu tal-għajjnuna mill-Fond, abbażi tal-istima tal-ħsara totali kkawżata huwa kif ġej:

Diżastru	<i>Ħsara diretta (f'miljuni ta' EUR)</i>	<i>Kost totali tal-operazzjonijiet eliġibbli (f'miljuni ta' EUR)</i>	<i>Il-limitu applikat għad-diżastru reġjonali [1,5% tal-PDG] (f'miljuni ta' EUR)</i>	<i>2,5 % ta' ħsara diretta (f'EUR)</i>	<i>6 % tal-ħsara diretta 'l fuq mil-limitu</i>	<i>Ammont totali tal-għajjnuna proposta (f'EUR)</i>
IL-ĠERMANJA	1 259,005	94,196	622,8	31 475 125	~	31 475 125
TOTAL						31 475 125

Fid-dawl tal-eżami tal-applikazzjoni (Komunikazzjoni tal-Kummissjoni C(2016)(6597 tal-14.10.2016) u b'kunsiderazzjoni tal-kontribuzzjoni massima possibbli mill-Fond kif ukoll l-ambitu għar-riallokazzjoni ta' approprijazzjonijiet, il-Kummissjoni qed tippromovi li timmobilizza l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għal ammont totali ta' EUR 31 475 125.

Il-koordinaturi tal-Kumitat ivvalutaw din il-proposta u talbuni niktiblek biex nirrappurtalek li l-maġġoranza tal-membri ta' dan il-Kumitat m'għandhom l-ebda oġġezzjoni għal din il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE biex l-ammont imsemmi hawn fuq jiġi allokat kif propost mill-Kummissjoni.

Dejjem tiegħek,

Iskra MIHAYLOVA

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

Data tal-adozzjoni	24.11.2016
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 33 -: 1 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Nedzhmi Ali, Jonathan Arnott, Jean Arthuis, Richard Ashworth, Reimer Böge, Lefteris Christoforou, Jean-Paul Denanot, Gérard Deprez, Eider Gardiazabal Rubial, Jens Geier, Ingeborg Gräßle, Iris Hoffmann, Monika Hohlmeier, Bernd Kölmel, Zbigniew Kuźmiuk, Vladimír Maňka, Ernest Maragall, Clare Moody, Siegfried Mureşan, Victor Negrescu, Liadh Ní Riada, Younous Omarjee, Urmas Paet, Pina Picierno, Paul Rübig, Patricija Šulin, Eleftherios Synadinos, Indrek Tarand, Inese Vaidere, Monika Vana, Daniele Viotti, Marco Zanni, Auke Zijlstra, Stanisław Żółtek
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Ivana Maletić, Andrey Novakov, Tomáš Zdechovský